

Brussell, 14 ta' Jannar 2022  
(OR. en)

5227/22

ECOFIN 30  
FIN 12  
UEM 10

#### NOTA PUNT "I/A"

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1561 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lill-Ungerija biex ittaffi r-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19 – Adozzjoni

---

1. Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 tad-19 ta' Mejju 2020 dwar l-istabbiliment ta' strument Ewropew għal appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza (SURE) wara t-tifqigħa tal-COVID-19<sup>1</sup> (minn hawn 'il quddiem - "Regolament SURE") jistabbilixxi l-qafas li jippermetti lill-Unjoni tipprovdi assistenza finanzjarja lill-Istati Membri li qed jesperjenzaw, jew huma mhedda serjament minn, tfixkil ekonomiku serju kkawżat mit-tifqigħa tal-COVID-19 għall-finanzjament, primarjament, ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar jew miżuri simili mmirati biex jiproteġu l-impjegati u lil dawk li jaħdmu għal rashom u, bħala element anċillari, xi miżuri relatati mas-saħħa.
2. Skont l-Artikolu 6 (1) tar-Regolament SURE, l-assistenza finanzjarja għandha ssir disponibbli permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill adottata abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni.

---

<sup>1</sup> ĠU L 159, 20.5.2020, p. 1.

3. L-appoġġ temporanju skont ir-Regolament SURE ngħata lill-Ungerija bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill fit-23 ta' Ottubru 2020<sup>2</sup>. Wara talba mill-Ungerija għal appoġġ temporanju addizzjonali taħt l-istrument SURE, fil-21 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni UE 2020/1561 li tagħti appoġġ temporanju lill-Ungerija skont ir-Regolament SURE (ST 15244/21).
4. Il-proposta msemmija hawn fuq ġiet eżaminata fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsillieri Finanzjarji fil-11 ta' Jannar 2022 u ġiet sussegwentement riveduta mill-ġuristi lingwisti.
5. Il-ħidma preparatorja teknika issa tista' titqies kompluta, u l-abbozz ta' test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill jista' jiġi ppreżentat lill-Kunsill għall-adozzjoni formali.
6. Għandu jiġi nnotat li f'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 297(2) TFUE u mal-Artikolu 18(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, din id-deċiżjoni tal-Kunsill, ladarba tiġi adottata, għandha tiġi nnotifikata lill-Istat Membru li lilu hija indirizzata mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill jew minn Direttur Ġenerali li jaġixxi f'ismu.
7. Skont l-Artikolu 122(2) TFUE, il-Parlament Ewropew għandu jiġi infurmat mill-President tal-Kunsill dwar din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill.
8. Fid-dawl ta' dan, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' laqgħa li jmiss, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1561 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lill-Ungerija biex ittaffi r-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19, kif tinsab fid-dokument ST 15256/21, rivedut mill-ġuristi lingwisti.

---

<sup>2</sup> ĠU L 357, 27.10.2020, p. 24.